# *Il-Floriana Belt Sportiva*

*Minn Simon A. Bonello*

*President Onorarju Soċjeta` Filarmonika Vilhena*

**Bla dubju ta' xejn il-Floriana hija belt sportiva. Naħseb li dan jafuh il-maġġoranza biex ma ngħidx kull min huwa dilettant tal-isport f'Malta. Ħafna lokalitajiet bdew attivitajiet sportivi fil-lokalitajiet ħafna wara dawk fil-Floriana. Ma nkunx qed niżbalja ngħid li min huwa verament dilettant tal-isports jafu sewwa jekk isegwi rapporti li jidhru fil-gazzetti u rapporti televiżivi.**

Għal ħafna snin speċjalment fl-era kolonjali meta Malta kienet taħt il-ħakma tal-Gran Brittanja il-Floriana kienet miżgħuda b'suldati fid-diversi *barracks* li kienu jinsabu fiha. Id-diversi reġimenti kienu spiss jinbidlu minħabba l-esiġenza militari u dan ġab varjeta' fl-isport li kienu jagħmlu.

l-Isport għas-suldati Britanniċi kien obbligatorju kemm bħala passatemp, kif ukoll minħabba esiġenzi fiżiċi. Semmejt varjeta', iva, għaliex ir-reġimenti kienu jvarjaw il-gosti sportivi tagħhom, min jippreferi l-*football*, min il-*cricket* u min il-*hockey* kif ukoll anke l-atletika.

Il-*Floriana Parade Ground*, illum l-Arena tal-Indipendenza jew kif inhi magħrufa bl-isem ta' Ix-Xagħra kienet tkun xena ta' attivita` sportiva tista' tgħid il-ħin kollu tal-ġurnata. Naturalment iż-żgħażagħ u tfal Furjaniżi tas-seklu 19 kienu jitħajru jippruvaw jimitaw dak li jaraw f'dik il-wesgħa. Is-suldati Brittaniċi kienu jinnutaw l-interess tagħhom u għalhekk kienu jgħallmuhom kif jixxutjaw ballun tal-*football* jew kif jolqtu ballun tal-*cricket* biex insemmi biss żewġ dixxiplini sportivi u aktar tard għallmuhom ukoll kif jużaw stikka tal-*hockey*.

Post ieħor f'Malta fejn is-suldati Brittaniċi bdew jinterassaw liż-żagħżagħ Maltin b'mod pjuttost limitat kien fil-Kottonera u f'Pembroke fejn kien hemm ukoll numru ta' suldati stazzjonati hemm, iżda kien fil-Floriana fejn iż-żerriegħa sportiva mħawwla fix-Xagħra kibret sewwa u saret siġra kbira.

X'aktarx, għalkemm ma xejn dokumentat b'mod uffiċjali, fuq bażi ta' team kien il-*cricket* l-ewwel sport ipprattikat b'mod organizzattiv. Dan it-team Furjaniż kien jismu Colonials dejjem fis-seklu 19. Wara twaqqaf il-*Floriana Cricket Club*. Maż-żmien sar wieħed b'saħħtu tant li rebaħ ħafna logħbiet kontra timijiet tas-Servizzi Brittaniċi, kemm militari kif ukoll navali. Plejers Furjaniżi ta' kalibru kienu fost l-oħrajn l-aħwa Miller, Bristow u Bilocca. Meta l-*Floriana Parade Ground* (ix-Xagħra) saret Arena tal-Indipendenza fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjoni tal-Indipendenza ta' Malta, il-ground inbidel totalment tant li ma setax isir aktar logħob tal-*cricket* biex il-*Floriana Cricket Club* temm l-attivitajiet sportivi tiegħu. Ħasra.

Ma tistax issemmi l-Floriana mingħajr ma jissemma l-*football* għax dan l-isport huwa sinonimu mal-isem ta' din il-belt sportiva. Il-*football* beda ħafna kmieni qabel twaqqaf il-*Floriana Football Club*. Iż-żagħżagħ Furjaniżi bdew jilagħabu ma' jew kontra suldati Brittaniċi mhux b'mod kompetittiv għax il-kompetizzjonijiet ma kienux jeżistu għajr bejn ir-reġimenti. Fl-1894 twaqqaf uffiċjalment il-*Floriana Football Club* li huwa meqjus bħala wieħed mill-eqdem timijiet tal-football fid-dinja. Kull min huwa dilettant ta' dan l-isport jaf li l-*Floriana Football Club* għandu storja glorjuża bil-kwantita` ta' unuri li rebaħ. Ma hemmx bżonn insemmuhom għax il-lista hija waħda twila u jittieħed ħafna spazju. Fost ħafna oħrajn jispikkaw Lolly Borg, Pullu Demanuele, Lolly Debattista u Tony Cauchi. Tajjeb insemmu li Debattista kien l-ewwel li rebaħ l-unur *Footballer of the Year*, filwaqt li Tony Cauchi niżżel ismu bħala l-ewwel Malti li skorja gowl f'logħba internazzjonali.

Kemm-il darba kelli okkażjoni nikteb dwar l-ewwel kuluri tal-gerijiet. Ma jimpurtax jekk nerġa' nirrepeti li dawn fil-bidu kienu aħdar u aħmar. Saru ħodor u bojod wara partita li l-Furjaniżi kienu rebħu kontra l-*Irish Fusulier.* Dan ir-reġiment Irlandiż billi kien se jtemm is-servizz tiegħu f'Malta b'sens ta' sportivita` u gratitudni minħabba r-rabta bejn il-Furjaniżi u l-Irlandiżi għar-raġuni li l-Furjaniżi residenti f'dik il-parti msejħa Balzunetta kienu jgħinu lil dawn is-suldati fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-Festa ta' San Patrizju (*St. Patrick*), Patrun tal-Irlanda irregalawlom il-flokkijiet tagħhom ħodor u bojod. Naturalment b'hekk twieled il-laqam tal-Irish.

Kien hemm tim ieħor li għamel isem fuq bażi nazzjonali iżda mhux daqs dak tal-Floriana F.C. Dan kien il-*Floriana Tigers Football Club.* Kien ikkunsidrat l-aqwa tim Malti tad-dilettanti ta' żmienu. It-Tigers ħadu sehem ukoll fis-Sezzjoni B tal-Kampjonat Malti bejn l-1935 – 1938. Maż-żminijiet din il-belt sportiva kellha diversi timijiet oħra tal-*football* fosthom il-famużi *Floriana Ajax Football Team* li saħħar bil-logħob sabiħ lil eluf ta' Maltin minn Malta kollha li bi ħġarhom kienu jiġu jsegwuhom. Il-plejers ta' dan it-tim ġew imsawra mis-Sur Frankie Tabone, ġentlom kbir fil-qasam sportiv. Madankollu, mertu għandu jmur ukoll għand ċertu Surġent Lippu miż-Żurrieq li għaqqadhom






Soċjeta` Filarmonika Vilhena 14, Triq Sant' Anna Floriana
info@vilhenabc.com
96.1 Vilhena fm

meta kien stazzjonat fis - *St. Francis Barracks* fejn illum hemm l-Ispiżerija taċ-ċentru tas-Saħħa tal-Floriana. Aktar tard dan it-tim kollu tal-Ajax ġie nkorporat fil-*Floriana Football Club* u b'hekk bdiet sensiela twila ta'unuri mirbuħa f'ġieħ il-Belt Floriana.

L-istorja tal-football tinkludi numru ta' timijiet oħra bħal *Floriana Liberty* li ħadu sehem fil-Kampjonat ta' Malta bejn 1916 – 1918, is-*Swallows F.T., il-Brittania F.T., l-Irish Born F.T., Small Irish, Floriana Lions F.T., St. Francis F.T., Little Ajax, Floriana Colts, Floriana Atoms, Floriana Grasshoppers F.T.* u *Emeralds F.T.*

Illum fuq in-naħa tal-parti tal-Floriana msejħa Balzunetta jinsab il-*Floriana Ajax Amateur Football Club*. Għaqda bl'ebda konnessjoni mat-tim antik tal-istess isem. Wara it-Tigers naħseb li l-*Floriana Ajax Amateur Football Club* l-aktar li għamlu ħoss u waqt li qed tinkiteb din l-informazzjoni issib li ġieli rebħu l-kampjonati tal-I.A.S.C. Seta' kien hemm aktar timijiet mill-Floriana li għamlu żmien jeżistu iżda li żarmaw kmieni war li twieldu .

It-tielet sport fuq bażi ta' tim li beda jintlagħab mill-Furjaniżi ukoll li f'dik li kien jisimha l-*Floriana Parade Ground* huwa l-hockey. Dan beda ftit wara li ntemmet it-Tieni Gwerra Dinjija u tista' tgħid fl-istess spazju fejn illum hemm il-*Floriana Young Stars Hockey Club*. Dan kien jismu *Floriana Hockey Club*. Dan l-isport ukoll ittieħed mis-suldati Brittaniċi. Dak iż-żmien me kenitx teżisti assoċjazzjoni nazzjonali ta' dan l-isport f'Malta u għalhekk il-logħbiet kienu fuq bażi amatorjali. Tajjeb insemmi li kemm-il darba l-Furjaniżi kisbu riżultati tajbin.

Meta beda jintlagħab f'Malta l-*hockey* kompettiv il-Floriana kienet irrappreżentata mill-*Irish Born Hockey Club.* Sfortunatament dan il-club safa mkeċċi mill-*Malta Hockey Association* wara li ġie akkużat b'imġiba mhux korretta.

Illum għandna l-*Floriana Young Stars Hockey Club* li għandu għad-disposizzjoni tiegħu club house u ground sabiħ tal-hockey. Il-Young Stars mhux mill-bidu kienu jirrappreżentaw lill-Floriana. Illum dan il-club huma kkonsiderat bħala wieħed mill-aqwa ta' dan l-isport f'Malta. Mhux ta' b'xejn għax rebħu diversi unuri nazzjonali.

Il-*Basketball* daħal fil-Floriana fl-1977. Il-mutur biex dan seħħ kien il-mibki Karmenu Abela, referee u coach tal-istess dixxiplina sportiva. Kien ir-raba' sport li tfaċċa fil-Floriana l-ewwel bl-isem *FSOBIANS Basketball Club* iżda fl-istaġun 1979/1980 biddel ismu għal *Floriana Basketball Club* biex aktar identifika ruħu mal-lokalita'. Wara li għal ħafna snin kien ospitat fil-FSOBIANS Club aktar tard mar fil-Kumpless Sportiv tal-Arena tal-Indipendenza.

Il-Floriana B.C. ikkompeta fit-tielet, fit-tieni, u fl-ewwel diviżjoni (wara Premier), diviżjonijiet tal-*Malta Basketball Association* u rreġistra numru ta' suċċessi f'diversi taqsimiet tal-M.B.A. bħal rebħ ta' Kampjonati tat-Tieni Diviżjoni Rġiel u l-M.B.A. Shield tan-Nisa tal-ogħla diviżjoni. Fl-istaġun 1986/87 il-*Floriana Basketball Club* ħa sehem f'kompetizzjoniniet tat-taqsimiet kollha tal-*Malta Basketball Association* inkluż il-*Mini-Basket*, ħaġa li mhux il-clubs ta' Basketball Maltin kollha rnexxielhom jagħmlu.

Wara li spiċċat it-Tieni Gwerra Dinjija niftakar li bdew jintlagħbu l-Boċċi mhux forma ta' kompetizzjoni fi spazju taħt il-Hotel Phoenicia. Illum dan l-isport fil-Floriana jinsab ħafna organizzat bi *club house* u *pitch* f'tarf il-Kumpless Sportiv ta' l-Arena tal-Indipendenza. Anke dan il-club kellu s-suċċessi tiegħu matul kemm ilu jeżisti.

Ma jidhirx li ġew furmati clubs tal-billiards u snookers iżda dawn kienu jintlagħbu f'forma ta' kompetizzjonijiet fil-Każin Vilhena kif ukoll fis-St. Publius Club fi Triq Sant' Anna. Anke fil-FSOBIANS kienu saru kompetizzjonijiet fuq forma ta' individwali. Illum il-billiard fuq livell individwali jintlagħab ukoll fil-Każin Laburista tal-lokal.

Rigward id-darts saru u għadhom isiru kompetizzjonjiet speċjalment fil-lokal tal-Floriana Ajax Club u anke saru fil-Każin Vilhena, fil-FSOBIANS Club u b'mod limitat fiċ-ċentru tal-Floriana Senior Citizens.

Fis-snin 50 f'Malta bdew jitwaqqfu chess clubs, jew *circles* kif kienu magħrufa, imsemmija għall-personaġġi kbar fid-dinja magħrufa bħala gran mastri. Fil-Floriana ġie mwaqqaf ir-Rubinstein Chess Circle, l-ewwel International Bar tas-Sur Mikielanġ Sultana fi Triq Sant' Anna u aktar tard dan mar fil-Każin Vilhena. Wara li għal xi snin dan it-tim ma baqax jeżisti tfaċċa *circle* ieħor bl-isem ta' Lasker C.C. ukoll fil-Każin Vilhena. Wara żmien li kien attiv sewwa b'organizzazzjonijiet ta' Kompetizzjonijiet miftuħa għal kull min ried jieħu sehem messitu l-istess xorti bħal ta' qablu. Fis-snin 70 iżda tfaċċa ieħor, ir-Reti Vilhena Chess Circle meta r-Reti C.C. ta' Ħal-Qormi ġie fil-Każin Vilhena u beda jissemma Reti Vilhena Chess Circle. Iċ-Chess Circles f'Malta ma baqgħux moda bħal fis-snin 50, 60, 70 tas-seklu għoxrin u għaldaqstant ma baqgħux jeżistu fil-forma li kellhom kemm fil-Floriana kif ukoll anke fi bliet u rħula oħra Maltin. Iċ-Chess beda jeżisti f'forma oħra aktar addattata għal żminijiet moderni.

**Meta wieħed jaqra dan kollu bla dubju jinduna bl-interess kbir fil-qasam sportiv tal-Furjaniżi. Tgħid għad naraw xi dixxiplina sportiva oħra fil-Floriana? Min jaf forsi r-*rugby* li ġieli naraw min jeżerċita dan l-isport bħala taħriġ fil-ground tal-Floriana F.C.**